MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 32/09 (Laqgħa B'Urġenza)

Il-Ħamis 19 ta' Frar 2026

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Bailey Micallef – Kunsilliera
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: R. Baldacchino; Viċi-Sindku: A. Dalli Kunsilliera: S. Caruana, M. Bailey Micallef u C. Chetcuti

AĠENDA

32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

32.2 Rapporti:
Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report Jan – Dec 2025;
Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statement għas-sena 2025;

32.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti
## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u għaxra (5:10pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 32.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kienx hemm ittri ta'apoloġija.

## 32.2 Rapporti:
## Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report Jan – Dec 2025
## Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statement għas-sena 2025

Ġie preżentat l-Unaudited Financial Statement għas-sena 2025 li ġie preparat mill-accountant tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li matul is-sena 2025 kien sar inqas infiq mid-dħul li kien hemm matul is-sena, fejn dan ifisser li sena nagħlqet b'surplus ta' madwar €268,900. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tispjega li l-ikbar żiedet ta' spejjez matul is-sena 2024 kienu fil-professional fees, fir-Repairs and Upkeep, fil-waste disposal u l-Community expenses. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta l-Kunsill japplika għal xi skemi ma' DLG, il-Kunsill dejjem irid joħroġ ammont żgħir mill-allokazzjoni tiegħu. Is-Segretarju żiedet tgħid li Quarterly Financial Report minn Jannar sa Diċembru 2025 huwa riflessjoni tal-Unaudited Financial Statement għas-sena 2025. Dawn iż-żewġ rapporti ġew approvati unanimament.

## 32.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

Konfermati, illum L- Erbgħa 11 ta' Marzu 2026

ffirmati R. Baldacchino
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati L. Mascena
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv